**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 45/2019**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Carmelo Bartolo)**

**Vs**

**Alan Desira**

Illum, 31 ta' Lulju 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Alan Desira, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 254270(M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar l-20 ta' Frar, 1998, jew f'xi jum matul is-sentejn ta' qabel dik id-data:

1. Xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, u cioe', vettura bin-numru tar-registrazzjoni B-7268 jew xjentement b'kull mod li jkun indahal sabiex ibieghha jew imexxiha, liema vettura gejja minn frodi li jiskorri l-valur ta' hames mitt lira Maltija (Lm 500);
2. Kif ukoll talli f'dawn il-gzejjer, fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg, jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, billi wahhal sett ta' number plates foloz (B-8408) fuq il-vettura B-7268;
3. Kif ukoll talli f'dawn il-gzejjer fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku w pubbliku, jew f'xi skrittura kummercjali jew

ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq partijiet, disposizzjoni jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi, jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, nkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

4. Kif ukoll talli f'dawn il-gzejjer fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza, u cioe', billi uza licenzja tal-vettura bin-numru B-8408 fuq il-vettura B-7268;
5. Kif ukoll f'dawn il-gzejjer, fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, biddel jew altera magna jew chassis fuq vettura minghajr awtorizazzjoni mill-Kummissarju tal-Pulizija;
6. Kif ukoll talli fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, saq il-vettura bin-numri tar-registrazzjoni B-7268 minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u b'hekk ma kienx kopert b'polza ta' sigurta' dwar riskji ghal terzi persuni;
7. Kif ukoll talli f'dawn il-gzejjer nhar is-17 ta' April, 1996, halef falz quddiem Magistrat jew quddiem ufficjal iehor li jkollu s-setgha b'ligi li jaghti l-gurament, liema gurament kien mehtieg mill-Ligi jew ordnat b'sentenza jew b'digriet ta' wahda mill-Qrati ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-31 ta' Jannar, 2019, fejn il-Qorti wara li rat Artikolu 108(a) u 334(c) tal-Kodici Kriminali ddikjarat lill-imputat Alan Desira hati tal-ewwel u tas-seba' mputazzjoni u lliberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin mil-lum. In oltre, ai termini tal-Artikolu 109 tal-Kodici Kriminali applikat fil-konfront tal-hati Alan Desira l-piena tal-interdizzjoni generali u tal-interdizzjoni milli jservi bhala xhud, hlief quddiem il-qrati tal-gustizzja, u bhala perit, f'kull kaz li jkun u dan ghal zmien hames snin mil-lum. Finalment, il-Qorti lliberat lill-imputat mit-tieni, mit-tielet, mir-raba', mill-hames u mis-sitt imputazzjoni.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Alan Desira, pprezentat fit-18 ta' Frar, 2019, fejn talab lil din l-Qorti tbiddel u tirriforma s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Alan Desira' tal-31 ta' Jannar, 2019, safejn sabet lill-appellant hati tal-ewwel u s-seba' mputazzjoni u lliberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin; u ai termini tal-Artikolu 109 tal-Kodici Kriminali applikat fil-konfront tal-appellanti l-piena tal-interdizzjoni

generali u tal-interdizzjoni milli jservi bhala xhud, hlief quddiem il-qrati tal-gustizzja, u bhala perit, f'kull kaz li jkun, u dan ghal zmien hames snin; u minflok issib lill-istess appellant Alan Desira mhux hati tal-imsemmija l-ewwel u seba' mputazzjonijiet, filwaqt li tikkonferma l-istess sentenza safejn illiberat lill-appellanti mit-tieni, mit-tielet, mir-raba', mill-hames u mis-sitt akkuza; u konsegwentement tillibera lill-appellanti minn kull imputazzjoni, htija u piena; u

In subsidium fl-eventwalita' li din il-Qorti ma taqbilx mal-esponenti u thoss li l-appellant m'ghandux jigi liberat mill-ewwel imputazzjoni jew mis-seba' mputazzjoni, tbiddel u tirriforma s-sentenza appellata billi temenda, tbiddel jew thassar kull wahda mill-kondizzjonijiet jew htigiet tal-ordni ghall-liberazzjoni kundizzjonata, considerando c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz id-dewmien ezagerat biex gie deciz bi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-appellant, u kif ukoll skond il-ligi.

Rat l-aggravji mressqa mill-appellant.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-aggravji ntentati mill-appellant jikkoncernaw unikament is-sejbien ta' htija mill-Ewwel Qorti ghal-ewwel u l-aħħar imputazzjonijiet miġjuba kontra tieghu u cioe' ghar-reat ta' ricettazzjoni kif mahsub fl-artikolu 334 tal-Kodici Kriminali u ukoll ghal dak tal-gurament falz kif enkapsolat fl-artikolu 108(1)(a). Fil-fehma tieghu dan sehh minhabba apprezzament zbaljat tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti meta din strahet unikament fuq ix-xiehda ta' certu Mario Aquilina u fuq l-istqarrija rilaxxjata mill-istess xhud lil pulizija meta gie interrogat mal-arrest tieghu lura fis-sena 1998. Illi fil-

fehma tieghu kien perikoluz ghall-Ewwel Qorti li tistrieh fuq stqarrija li giet irrilaxxjata fiz-zmien meta l-persuna interrogata ma kellhiex jedd ghall-assistenza legali.

Sussidjarjament jilmenta illi xorta waħda l-ewwel reat ma jistax jissusisti peress illi l-valur tal-oġġett defrawdat ma jeċċedix il-valur ta' Lm500 kif indikat fl-akkużi miġjuba fil-konfront tieghu u allura anke l-piena erogata mill-Ewwel Qorti għal dan ir-reat kienet eċċessiva billi kienet tapplika dik il-piena mahsuba fl-artikolu 310(b) tal-Kodici Kriminali u mhux l-artikolu 310(a).

Fil-fehma tal-appellant lanqas s-seba' imputazzoni ma kienet tirriżulta ppruvata u dan billi l-prosekuzzjoni naqset milli turi illi l-ġurament meħud mill-appellant fis-17 ta' April 1996 kien filfatt gurament meħtieġ skond il-liġi. Finalment u sussidjarjament l-appellant qed jitlob reviżjoni fil-piena fejn jisħaq ukoll illi l-Ewwel Qorti ma setatx tordna l-interdizzjoni generali fil-konfront tieghu fid-dawl ta' dak imfisser fl-artikolu 25(2) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat**:

Illi ezaminati mill-gdid l-atti tal-kawza u dan ghal fini li jigu determinati il-lanjanzi imqanqla mill-appellant, jirriżulta illi nhar l-20 ta' Frar 1999 saret spezzjoni għall-għarrieda mill-pulizija ġewwa garaxx fi Triq il-Ħabbiez, Ħal-Qormi, propjeta' ta Mario Aquilina u dan wara li kienet waslitilhom informazzjoni kunfidenzjali dwar vettura tal-għamla Renault Campus allegatament misruqa li kienet tinstab fl-istess fond. Infatti meta saret tfittxija mill-pulizija giet misjuba vettura ta' din l-ghamla ta' lewn griż *metallic*, mgħottija u mingħajr magna. In oltre ġewwa l-istess vettura kien hemm pjanċa bin-numru ta' registrazzjoni B8408 li kienet tgħajjat vettura ohra, proprjeta tal-appellant. Ix-*chassis* ta' din il-vettura kien maqlugħ.

Mario Aquilina gie mitkellem mill-pulizija fejn stqarr illi huwa kien akkwista din il-vettura mingħand l-appellant ghal preżż ta' Lm300. Huwa nfurmah li kien hemm *claim* mal-assikurazzjoni pendenti marbuta din il-vettura. Minn aktar stħarriġ irriżulta illi l-vettura li nstabet għand Aquilina kienet ġiet

irrappurtata misruqa minn Stephen Borg lura fis-sena 1994, tant illi meta Borg ghamel *claim* mal-assikurazzjoni huwa kien thallas' l fuq minn elfejn Liri Maltin. Dan sehh wara li Borg kien habat bil-vettura mertu tal-kaz izda ħabib tiegħu bl-isem ta' Charlo', li qatt ma ingieb biex jixhed f'dawn il-proceduri, kien infurmah li kien 'helsu' minn din il-vettura billi kellha ħsarat irreparabbli u ssuggerielu jagħmel *claim* b'ingann mal-assikurazzjoni tiegħu li din il-vettura nsterqitlu, kif filfatt għamel. Borg izda jikkontendi illi huwa ma jafx x'ghamel bil-vettura tieghu dan Charlo' u jekk ghaddihiex lil terzi.

Illi minn aktar stharrig irrizulta illi l-appellant kellu vettura oħra tal-għamla Renault 5 li kellha n-numru ta' reġistrazzjoni B8408 liema vettura ġiet skrappjata minnu fid-19 ta' April 1996. Din il-pjanca ta' registrazzjoni izda giet misjuba fil-vettura li l-pulizija elevaw minn għand Mario Aquilina u li skond stħarriġ ulterjuri irrizulta illi kellha in-numru ta' registrazzjoni B7268, liema numru kienet tghajjat lil vettura ta' Stephen Borg. In oltre fl-istess data l-appellant kien għamel affidavit mad-Dipartiment tal-Liċenzji u Testijiet illi kien tilef il-pjanċa ta' wara ta' din l-istess vettura illi hu kien skrappja fl-istess jum, filwaqt illi kien irritorna l-pjanċa ta' quddiem lill-awtoritajiet qabel rema din il-vettura.

**Ikkunsidrat:**

Illi kif inghad l-appellant gie misjub hati tar-reat ta' ricettazzjoni u dak tal-gurament falz, bis-sejbien ta' htija ghar-reat ta' ricettazzjoni tistrieh unikament fuq ix-xiehda tax-xhud Mario Aquilina u dak li stqarr mieghu l-appellant.

Issa skartata l-istqarrija tal-appellant, u tenut kont tal-fatt illi x-xhud Stephen Borg qatt ma kellu ebda konnessjoni mal-appellant bl-allegat intermedjarju, certu Charlo', qatt ma jingieb mill-Prosekuzzjoni biex jaghti x-xiehda tieghu, l-uniku xhud li b'xi mod implika lill-appellant f'din l-allegata kongura kriminali kien x-xhud Mario Aquilina illi xehed fi stadju aħħari tal-proċeduri quddiem l-ewwel Qorti.

Illi l-appellant jikkontendi illi kien perikoluz ghall-Ewwel Qorti li tistrieh fuq stqarrija rilaxxjata mix-xhud meta kien interrogat mill-pulizija u dan ghaliex ma kienx gie moghti il-jedd ghall-assistenza legali billi f'dak iz-zmien u cioe' lura fl-1998, dan il-jedd ma kienx enkapsolat fil-legislazzjoni penali ta' pajjizna.

Illi jinghad minnufih illi din l-istqarrija giet moqrija lix-xhud Aquilina tul il-kors tad-deposizzjoni tieghu quddiem l-Ewwel Qorti fejn huwa kkonferma bil-gurament l-fatti hemmhekk iddikjarati u dan meta kien assitit mill-avukat tal-fiducja tieghu Dr. Kris Busietta, kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tad-09 ta' April 2018.

Illi rassenja ta' gurisprudenza in materja tinsab fis-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (sede kostituzzjonali) fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Marco Pace" deciza fis-27 ta' Gunju 2019 fejn inghad:

> **"Dan it-tip ta' ilment dwar stqarrija ta' xhud diga kien trattat fis-sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' Jannar 2013 fl-ismijiet Mario Borg. F'dik il-kawza Mario Borg kien ilmenta, inter alia, dwar il-fatt li x-xhieda ewlenin li xehdu fil-proceduri kriminali kontra tieghu ma kellhomx access ghal assistenza legali u ghalhekk dak in-nuqqas kellu riperkussjonijiet fil-proceduri fil-konfront tieghu. Il-qorti kienet qalet hekk:**
>
>> **F`kaz ta` stqarrija li tinghata lill-pulizija, hi biss il-persuna li taghmel l-istqarrija li ghandu jkollha d-dritt li tilmenta li ma kellhiex access ghall-avukat u tinvoka ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Ix-xhieda li ghamlu l-istqarrija kellhom kull fakolta li jikkontestawha izda mhux biss ma ghamlux hekk anzi regghu tennew dak li qalu f`xiehda hielsa quddiem il-qorti. Mela jekk min ghamel l-istqarrija ma cahadhiex u ma ikkontestahiex u ma lmentax li ttiehdet b`abbuz, ghalkemm kellu kull fakoltà li jaghmel hekk b`access hieles ghal qorti, dik l-istqarrija ghandha titqies bhala xiehda ammissibbli.**
>
> **Il-Qorti Kostituzzjonali ghamlet dan l-istess ragunament fil-kawza rikors numru 66/2011 fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Patrick Spiteri' deciza fil-25 ta` Jannar 2013 fejn qalet hekk:**
>
>> **Dawn l-aggravji, l-fatt wahdu illi ssir stqarrija meta min jaghmilha ma jkollux l-ghajnuna ta` avukat ma huwiex ipso facto bi ksur tal-jedd ghal smigh xieraq.**

**37. Dawn l-aggravji, fil-fehma ta' din il-qorti, huma rizultat ta' malintiz pjuttost mifrux illi min hu akkuzat b`reat ghandu xi dritt fondamentali illi ma tithalla titressaq ebda xiehda li tista' b`xi mod tkun ta' hsara ghalih, bhallikieku ghandu d-dritt ukoll illi f'kull kaz jinstab mhux hati u illi l-equality of arms tfisser illi l-prosekuzzjoni tigi mcahhda mill-mezzi biex tipprova l-kaz taghha. ...**

**39. ... ma tressqet ebda prova illi Galea u Cachia lmentaw li dawk l-istqarrijiet ittiehdu bi ksur ta' xi jedd taghhom, u ghalhekk aktar u aktar ma jistax jinghad illi dik l-istqarrija hija illecita meta min jaghmilha ma jilmentax bi ksur ta' xi jedd tieghu.**

**40. Mela l-premessa ta' Spiteri illi l-istqarrijiet ta' Galea u ta' Cachia huma awtomatikament illeciti ghax ma sarux bl-ghajnuna ta' avukat hija hazina u kull argument mibni fuq dik il-premessa huwa necessarjament hazin ukoll.**

**Il-Qorti, fil-kawza Il-Pulizija vs R. Baldacchino (PA 30/06/2014), qablet ma' dak deciz fil-kawzi fuq imsemmija u wkoll sostniet li stante ix-xhud stess ma qajjimx ilment li gew lezi d-drittijiet fundamentali tieghu meta ghamel l-istqarrija, ma jistax issa tigi terza persuna u tqajjem dak l-ilment minflok ix-xhud.**

**Il-Qorti nnotat ukoll li l-proceduri kriminali fil-konfront ta` l-akkuzat ghadhom pendenti u ghalhekk d-difiza ghad ghandha c-cans li taghmel l-kontro-ezamijiet necessarji lix-xhud. Ghalhekk id-difiza ghadha bic-cans li taghmel kontroll fuq dak li qieghed jinghad mix-xhud.**

**Fir-referenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Clayton Azzopardi deciza mill-Qorti Kostituzzjoali fit-13 ta' Frar 2017, il-Qorti Kostituzzjonali ma sabet l-ebda ksur tal-jedd ta' smigh xieraq bit-tehid tal-istqarrija tax-xhud ewlieni meta tali xhud ma kinitx assistita minn avukat fil-mument tat-tehid tal-istqarrija taghha u meta dan it-terz eventwalment tharrket bhala xhud fil-proceduri kriminali."**

Illi l-Qorti ma ghandha ghalfejn izzid xejn aktar ma dan l-insenjament gudizzjarju w kwindi fid-dawl tar-risultanzi processwali fejn ix-xhud qatt ma qanqal lment dwar vjolazzjoni tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq, xehed bil-gurament quddiem l-Ewwel Qorti fejn kien debitament assistit mill-avukat tieghu u kkonferma l-istqarrija tieghu, l-Ewwel Qorti setghet liberalment tiehu tali stqarrija in konsiderazzjoni fl-apprezzament minnha maghmul tal-fatti tal-kaz u mhux biss, izda setghet, anke fit-termini ta' dak dispost fl-

artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali, tistrieh fuq id-deposizzjoni ta' xhud wieħed waħdu jekk emnut, ghalkemm kellha timxi b'cirkospezzjoni akbar billi x-xhud kien il-komplici tal-appellant.

Ikkunsidrat:

Illi fir-reat tar-ricettazzjoni ***"l'incriminazione mira ad impedire che, verificatosi un delitto, persone diverse da coloro che lo hanno commesso o sono concorsi a commetterlo si interessino delle cose proveniente dal delitto medesimo per trarne vantaggio.***[1]"

Minn din id-definizzjoni semplici li ighaddielna l-Antolisei johorgu zewg elementi essenzjali mehtiega sabiex jissussisti dan ir-reat u cioe' fl-ewwel lok irid necessarjament ikun sehh delitt. Fit-tieni lok imbaghad terzi persuni estranji ghad-delitt xjentement jakkwistaw jew jigu fil-pussess ta' l-oggetti derivanti minn dak id-delitt u dan dejjem bl-iskop li jiksbu xi vantagg. Ikompli hekk l-Anolisei:

> ***"L'intervento di tali persone e' dannoso socialmente perche porta alla dispersione delle cose di provenienza delittuosa e ne rende piu' difficle il ricupero, consolidando in tal modo il pregudizio subito dalla vittima."***

Dwar l-ewwel element jispjega:

> ***"Poiche oggetto materiale della ricettazione devono essere denaro, o, in genere, cose di provenienza criminosa, il reato presuppone l'esistenza di un altro reato: presuppone, cioe' che un altro reato sia stato commesso..... ...... La condanna per ricettazione non puo' aver luogo, se prima non e' stato riconosciuto esistente, nei suoi elementi essenziali, il delitto presupposto, anche se di questo non sia stato accertato l'autore."***

Imbaghad dwar id-dolo mehtieg ighid hekk:

> ***"per l-esistenza del dolo si richiede anzittutto la volonta di acquistare, ricevere, occultare, intromettersi. Occorre inoltre la consapevolezza della provenienza delittuosa del denaro o delle altre cose acquistate ecc. Tale consapevolezza secondo le regole generali deve ritenersi sussistente anche se nella mente del reo***

[1] Antolisei – Manuale di Diritto Penale (Parte Speciale I):

***si sia affacciato il dubbio della provenienza delittuosa, ma, nonostante cio', egli abbia agito accettando il rishio di incorrere nelle sanzioni della legge. …… Oltre alla volonta e alla consapevolezza di cui abbiamo parlato, e' indispensabile il fine di procurare a se' o ad altri un profitto."***

Issa kif inghad sabiex jissussiti r-reat tar-ricettazzjoni jenhtieg li jigu ippruvati l-elementi kollha li isawwruh. Dan ifisser illi fl-ewwel lok irid jigi ippruvat li sehh delitt, imbaghad illi l-oggetti formanti parti mill-investigazzjoni jkunu provenjenti minn dak id-delitt. Wara dan jenhtieg ghal Prosekuzzjoni tipprova illi dawk l-oggetti kienu fil-pussess tal-persuna akkuzata bir-reat ta' ricettazzjoni anke jekk ghal xi zmien qasir, izda fuq kollox illi meta kien hemm dak il-pussess, dan kien abbinat max-xjenza illi l-oggett kien derivanti minn delitt. Finalment imbaghad l-element tal-qliegh minn dak il-pussess jew akkwist fil-persuna tar-ricettatur irid jigi ippruvat.

**"Three conditions are essential, that is, (a) that, previously, there has been the commission of an offence against property, (b) that the accused has received, or purchased, or, in any manner, taken part in the selling or disposing of the stolen property, and (c) that the accused be aware of the unlawful origin of the goods."**

**Dan l-ahhar element, dak tax-xjenza jew "awareness" kien soggett ta' diversi interpretazzjonijiet mis-sentenzi taghna u dejjem qiesu illi s-suspett biss illi l-oggett seta' kellu provenjenza illecita ma kienx bizzejjed biex jissodisfa din in-natura ta' "awareness" kif trid il-ligi. Hekk qalet, per ezempju, il-kawza Pulizija kontra Carmel Debono deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ewwel (1) ta' Novembru elf disa' mija sitta u disghin (1996):**

**"biex persuna tinstab hatja ta' ricettazzjoni trid tkun taf li l-oggett illi qed tircievi jew li qieghed jindahal biex jinbiegh jew tmexxi hu ta' provenjenza illecita. Mhux bizzejjed li bhala fatt l-oggett ikun insteraq lil haddiehor; hemm bzonn li jkun hemm ix-xjenza tal-agent dwar dik il-provenjenza illecita."**

**Dan gie spjegat ahjar fil-kawza Pulizija versus George Schembri, Qorti tal-Appell 30 ta' April 1992 "… min jakkwista oggett f'cirkostanzi li fihom imissu jissuspetta li dak l-oggett kellu provenjenza illegittima, u intant ma jaghmel xejn biex jikkontrolla din il-provenjenza huwa hati ta' ricettazzjoni."[2]**

[2] Pulizija vs Alfred Brown deċiża nhar id-29.1.2015 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) ppreseduta mill-Imħallef Michael Mallia.

Illi mill-provi akkwiziti huwa inkontestat illi l-appellant ġie fil-pussess tal-vettura mertu ta' dan il-każ. Dan jikkonfermah ix-xhud Mario Aquilina li jistqarr li kien l-appellant li ghaddielu din il-vettura versu korrispettiv. Din l-vettura fil-fatt instabet mill-pulizija fil-pussess ta' dan Aquilina. Aquilina jistqarr illi l-appellant kien avviċinah madwar sena qabel li kien ġie mitkellem mill-pulizija, sabiex ibiegħlu din il-vettura. Aquilina ighid li l-appellant stqarr mieghu li kienet saret *claim* mal-assikurazzjoni fuqha biex b'hekk huwa bil-wisq evidenti illi l-appellant kien konsapevoli tal-fatt illi l-vettura kienet derivanti mill-kummissjoni ta' reat u cioe' dak tal-frodi dwar sigurta'. Mhux biss izda Aquilina jikkonferma illi huwa kien jara lill-appellant jaghmel uzu mill-imsemmija vettura meta sa fl-ahhar dan wasal biex bieghha lilu u ghamel qliegh mill-istess ta' Lm300, ghalkemm Aquilina naqas milli jaghmel il-pagament. Illi imbaghad hemm prova cirkostanzjali li torbot din il-vettura mal-persuna tal-appellant li hija wahda soda u univoka meta go din il-vettura nstabet pjanca b'numru ta' registrazzjoni appartenenti lil vettura ohra li kienet proprjeta` tal-appellant u li dwar l-istess numru l-appellant kien iddikjara mad-Dipartiment tal-Licenzji li kien intiliflu.

Fil-fatt mix-xiehda ta' Paul Sciberras bhala rapprezentant ta' Gasan Mamo Insurance jirrizulta illi kienet saret *claim* minn Stephen Borg lura fil-31 ta' Jannar 1994 u dan meta Borg kien stqarr illi l-vettura kienet giet misruqa minn quddiem id-dar tieghu gewwa l-Hamrun. Illi dan ir-rapport falz wassal sabiex ittiehdu passi kriminali kontra Stephen Borg li kien irrifonda lill-assikurazzjoni l-flus mehuda minnu indebitament abbazi ta' din il-*claim* frawdolenti.

Illi stabbilit kwindi illi l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghal sejbien ta' htija ghar-reat ta' ricettazzjoni, jifdal biex jigi ndirizzat l-ilment ta'l-appellant meta jishaq illi gjaldarba l-valur tal-qliegh li ghamel l-appellant ma kienx jeċċedi Lm500 fit-termini tad-diċitura tal-artikolu 334 tal-Kodiċi Kriminali, għal dak li jirrigwarda l-piena imputabbli ghar-reat ta' riċettazzjoni meta l-oġġett ikun ġej mir-reat tal-frodi, irid jittiehed kont tal-piena applikabbli għal dik ix-xorta ta' reat 'li minnha l-ħaġa tkun ġejja'. Jishaq illi l-piena kellha tkun dik li taqa' fil-parametri mfassla fl-artikolu

310(1)(b) u mhux is-sub-inciz (a). Illi l-Qorti ma tistax taqbel ma' din il-fehma tal-appellant gjaldarba gie stabbilit illi l-qliegh li ghamel Stephen Borg mir-reat ta' frodi minnu kommess kien ilahhaq l-Lm2000, u kwindi dan il-valur jaqa' fil-paramentri tas-sub-inicz (a) u mhux (b) kif ben ikkonkludiet l-Ewwel Qorti biex b'hekk il-piena erogata mill-Ewwel Qorti meta applikat id-dettami tal-artikolu 22(1) tal-Kapitolu 446 ghal tlett snin kienet tali illi taghmel gustizzja mal-appellant.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-appellant gie misjub hati ukoll tar-reat tal-gurament falz kif mahsub fl-artikolu 108(1)(a) tal-Kodici Kriminali u dan meta allegatament huwa halef il-falz f'dikjarazzjoni minnu maghmula f' formola ipprezentata lid-Dipartiment tal-Licenzji u Testijiet lura fis-17 ta' April 1996, illi l-pjanca ta' wara tal-vettura tieghu bin-numru ta' registrazzjoni B-8408 kienet intilfitlu, meta dan ma kienx minnu. Dan l-affidavit huwa esebiet a fol.109 tal-process immarkat bhala Dokument CB4. Fil-fatt din l-istess pjanċa instabet mill-pulizija fis-sena 1998 matul it-tfittxija fil-vettura Renault, li l-appellant kien ghadda lil Aquilina.

Issa l-artikolu 108 jiddisponi hekk taht it-titolu tal-"gurament falz":

> **108. (1) Kull min, f'kull każ ieħor mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, jaħlef il-falz quddiem imħallef, maġistrat jew quddiem uffiċjal ieħor li jkollu s-setgħa b'liġi jagħti l-ġurament, jeħel, meta jinsab ħati –**
>
> **(a) il-piena ta' priġunerija minn erba' xhur sa sena, jekk il-ġurament ikun meħtieġ mil-liġi, jew ordnat b'sentenza jew b'digriet ta' waħda mill-qrati ta' Malta;**
>
> **(b) il-piena ta' priġunerija għal mhux iżjed minn tliet xhur, jekk il-ġurament ma jkunx hekk meħtieġ jew ordnat.**
>
> **(2) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma jgħoddux għall-ġuramenti Promissorji.**

It-test Ingliż jgħid hekk: '*shall make a false oath.*'

Fin-noti tiegħu l-Professur Sir Anthony Mamo l-elementi ta' dan ir-reat huma indikati hekk:

***(i) a false statement;***

***(ii) wilfully made***

***(iii) On oath***

***(iv) Before a person authorised by law to administer oaths.***

***With regard to the second element which constitutes the intentional element of the crime it is necessary that the person making the statement should have the full consciousness of perverting the truth. The material element of the crime is the false statement on oath. The oath being an appeal to Deity to be witness of that which is asserted creates a religious bond which is effectual only for those, who having a religious persuasion, see in it a binding obligation on their conscience. Our law makes provision for the taking of an oath by persons who do not belong to the Roman Catholic Church. The solemn declaration or affirmation of any person authorised by law to make a declaration or affirmation in lieu of taking an oath has the same effects as regards the punishment as if the person making the declaration or affirmation had been lawfully sworn. The oath must be lawfully administered, that is in the form and with the ceremonies which the law itself prescribes and by a person who is authorised by law to administer oaths. '***

Dan qed jinghad ghaliex minn ezami tad-Dokument CB4 jidher illi l-appellant ghamel dikjarazzjoni solenni u mhux ha gurament bix-xiehda ta' xi religjon jew twemmin. Dan ma jifissirx madanakollu illi huwa jista' jahrab mis-sanzjoni tal-ligi jekk tirrizulta l-falzita' fid-dikjarazzjoni minnu hekk maghmula. Illi mix-xiehda ta' Brian Farrugia, rapprezentant tad-Dipartiment tal-Licenzji u Testijiet jirrizulta illi din id-dikjarazzjoni solenni saret quddiem ufficjal li kien impjegat mad-Dipartiment certu Carmelo Scerri, illum irtirat, li kien Kummissarju b'setgha li jaghti gurament.

Illi fl-appell kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Joseph Zammit deċiża fis-26 ta' Marzu 2015, din il-Qorti diversament presjeduta ikkunsidrat li:

**"L-artikolu 108(1) tal-Kap 9 jghid testwalment "Kull min, f'kull kaz iehor mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta'dan is-sub artiklu, jahlef il-falz quddiem Imhallef, Magistrat jew quddiem ufficcjal iehor li jkollu s-setgha bil-ligi illi jaghti gurament jehel ...". L-artikoli ta' qabel jirreferu ghal spergur f'kawzi kriminali, spergur f'kawzi kriminali ohra, spergur f'kawzi civili u spergur minn perit jew interpretu. Ghalhekk dan l-artikolu 108 jeskludi dawn is-**

**sitwazzjonijiet u b'mod generiku jirreferi biss "f'kull kaz iehor ...". Din tfisser kwalunkwe cirkostanza ohra fejn persuna tiehu gurament ghal xi raguni jew ohra, basta dan il-gurament jittiehed quddiem Imhallef jew Magistrat jew "quddiem ufficcjal iehor li jkollu s-setgha b'ligi illi jaghti gurament."**

Illi allura l-ewwel Qorti gustament sabet lill-appellant hati ta' dan ir-reat lilu addebitat meta kien iddikjara illi huwa tilef il-pjanca ta' registrazzjoni li imbaghad giet misjuba fil-vettura li huwa ghadda lil Mario Aquilina.

Issa m'hemmx dubbju li fil-każ in kwistjoni dan il-ġurament ma ġiex ordnat b'sentenza jew b'digriet mill-Qrati Maltin, iżda jidher illi huwa regolat taħt is-setgħat tal-Awtorita' ta' Trasport, korp regolat mill-Liġi, fiż-żmien in kwistjoni d-Dipartiment tal-Liċenzji. Illi r-regolament 33(4) tal-Avviz Legali 28 tal-1994, li kien applikabbli fiz-zmien li gie kommess ir-reat jistabbilixxi illi kull min jiddisponi mill-vettura tiegħu ghall-i*scrap*, huwa obbligat illi jirritorna l-pjanċi lill-Kummissarju tal-Pulizija jew lill-Awtorita dwar it-Trasport u fin-nuqqas li dawn ikunu jistghu jigu hekk irritornati ghandha issir dikjarazzjoni mil-*licensee* illi jinsab fl-impossibilita li jaghmel dan. Ghalhekk anke din l-imputazzjoni tirrizulta ppruvata kif sewwa kkonkludiet l-Ewwel Qorti.

Illi finalment għal dak li jirrigwarda l-interdizzjoni mposta fuq l-appellant fit-termini ta' dak dispost fl-artikolu 109 tal-Kodiċi Kriminali, l-Qorti tistqarr minnufih illi l-appellant fl-aggravju minnu intentat qed jaghti interpretazzjoni bil-maqlub ta' dak dispost fl-artikolu 25 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Huwa tal-fehma illi ebda interdizzjoni ma setghet tigi imposta fuqu gjaldarba hu ngħata libertà kundizzjonata fit-terminu tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

Jinghad *in primis* illi l-artikolu 109 tal-Kodiċi Kriminali, f'kaz ta' sejbien ta' ħtija taħt l-artikolu 108 tal-Kodiċi Kriminali, jaghmel l-imposizzjoni tal-interdizzjoni waħda tassativa. Illi ghalkemm sanzjoni fil-komunita' fit-

termini ta'l-artikolu 22 tal-Kap.446 ma ghandhiex titqies bhala dikjarazzjoni ta' htija[3], madanakollu l-artikolu 25(2) tal-Kapitolu 446 jiddisponi illi:

> **Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, id-dikjarazzjoni ta' ħtija ta' ħati li jitqiegħed taħt probation, fuq ordni ta' servizz fil-komunità, fuq ordni ta'probation u servizz jew li jiġi liberat għal kollox jew kondizzjonalment kif hawn qabel imsemmi <u>għandha f'kull każ tiġi mwarrba </u>għall-finijiet ta' kull liġi li timponi jew tawtorizza xi interdizzjoni, skwalifika, disabilità jew xi piena oħra fuq persuni b'dikjarazzjoni ta' ħtija.**

Dan ifisser mid-diċitura ta' din id-disposizzjoni tal-ligi illi ghalkemm sanzjoni fil-komunita ma ghandiex ikollha l-istess effetti ta' dikjarazzjoni ta' htija, dawn l-effetti ghandhom jigu mwarrba meta l-ligi timponi interdizzjoni fuq il-persuna misjuba hatja. F'kaz konsimili fejn il-persuna misjuba hatja kienet inghatat piena fit-termini tal-artikolu 22 tal-Kap.446, gie hekk deciz:

> **"Peress illi jidher illi skond l-Artikolu 127 tal-Kap. 9 l-interdizzjoni generali perpetwa kellha tigi applikata mill-Ewwel Qorti u l-Ewwel Qorti ma kellhiex diskrezzjoni u tnehhi l-istess interdizzjoni fis-sentenza taghha, izda l-procedura korretta, se mai, kellha tkun li wara li l-istess interdizzjoni tigi kkomminata fis-sentenza, umbaghad wara isir rikors skond l-Artikolu 10(6) tal-Kap. 9 – haga li ghada tista' ssir anki f'dan l-istadju – sabiex tali interdizzjoni tieqaf jekk ikun hemm ragunijiet tajba li jingiebu ghas-sodisfazzjoni ta' dik il-Qorti.[4]"**

---

[3] (1) Bla ħsara għal dak hawn iktar 'il quddiem provdut, dikjarazzjoni ta' ħtija dwar xi reat li dwaru ssir ordni taħt dan l-Att li bih il-ħati jitqiegħed taħt sanzjoni komunitarja jew li tkun tillibera lill-ħati għal kollox jew kondizzjonalment għandha titqies bħala li ma tkunx dikjarazzjoni ta' ħtija għal ebda fini li jkun,minbarra –

(a) il-finijiet tal-proċeduri li fihom issir l-ordni u ta' kull proċedura sussegwenti li tista' tittieħed kontra l-ħati taħt id-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-Att, u

(b) fil-każ ta' uffiċjal pubbliku, il-finijiet jew kull proċedura dixxiplinari li tista' tittieħed kontra, jew kull punizzjoni dixxiplinari li tista' tiġi imposta fuq dak l-uffiċjal pubbliku b'konsegwenza ta' xi tali dikjarazzjoni ta' ħtija jew ta' xi wieħed mill-fatti li jikkostitwixxu r-reat:

Iżda meta ħati, li jkollu mhux inqas minn tmintax-il sena età fiż-żmien tad-dikjarazzjoni ta' ħtija ta' reat li dwaru jitqiegħed taħt sanzjoni komunitarja jew jiġi kondizzjonalment liberat kif hawn qabel imsemmi, sussegwentement jingħata sentenza għal dak ir-reat, id-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu għandhom itemmu japplikaw għal dik id-dikjarazzjoni ta' ħtija.

[4] Il-Pulizija vs Michael Mifsud – App.Inf. 16/12/2003; ara wkoll Il-Pulizija vs Maria Seperanza Mangion- App. Inf. 15/09/2010.

Konsegwentement anke dan l-aggravju konċernanti l-interdizzjoni u l-applikazzjoni tagħha ser jiġi miċħud minn din il-Qorti.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius

Deputat Registratur